# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' 2 Mejju 2024**

**Talba nru. 1/2020**

**CHRISTINE SCIBERRAS**
**(KI 298765M)**

***VERSUS***

**CHARLOT MULA**
**(KI 374086M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba pprezentata fit-3 ta' Jannar 2020 (a fol 1 et seq), l-attrici talbet lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin Ewro rapprezenanti danni kkagunati lill-attrici fi hsarat fuq il-vettura Mazda 121 Demio bin-numru ta' registrazzjoni DFA 593. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fis-7 ta' Frar 2020 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi anke kieku saru l-hsarat, l-ammont pretiz mhux dovut.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti processwali.

Ra n-nota ta' sottimissjonijiet.

Sema t-trattazzjoni ulterjuri tad-difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi l-attrici ipprezentat kopja legali tat-traskrizzjoni tax-xhieda tat-tifel taghha Ryan Sciberras f'kawza kriminali illi inghatat fl-4 ta' Mejju 2018. Ix-xhud spjega li fid-19 ta' Novembru 2017 kien qed isuq hiereg minn H'Attard u ipprova jevita t-traffiku billi jirriversja biex jidhol fi triq ohra. Waqt din il-manuvra inqala argument mas-sewwieq ta' warajh illi segwa billi *". . . .bdejt nisma horn il-hin kollu jpaqpaq warajja u ghajjar kontinwu u horn, horn, u nsomma waqafna fi stop sign u l-hin kollu jross mieghi u kull stop sign li waqafna il-hin kollu jross mieghi u l-hin kollu jigri warajja*."

Ix-xhud ighid illi kellu jieqaf minhabba t-traffiku . . . "*Hu baqa jiffolowjani sa dak il-hin. Qsamna H'Attard kollu jiffolowjani. Imbaghad hareg mill-karozza, probt pront ixxuttjali l-mera waqghet fuq il-bonnet mal-ewwel u hu telaq lura lejn il-karozza, just ixxutjali l-mera u telaq l hemm*." Ix-xhud ighid illi meta l-konvenut dahal fil-karozza saq ghal fuqu u laqtu.

Illi l-vettura garrbet hsara fil-bieba ta' wara tax-xufier, fil-mera u bonnet. Ix-xhud ipprezenta survey a Fol.25 li turi illi l-vettura kellha bzonn b'Eur 907.06 f'tiswijiet, flimkien ma sett ta' ritratti li juru l-hsarat.

L-attrici, xehedet fit-22 t'Ottubru 2020, fejn qalet illi l-vettura DFA 593 xtratha hi u kienet ghaddietha lit-tifel taghha. L-attrici ma kienetx prezenti meta gara l-incident.

Ryan Sciberras, xehed fl-udjenza tat-22 t' Ottubru 2020, fejn rega kkonferma illi l-konvenut ta daqqa ta' sieq lil mera tal-vettura ta' l-attrici, li tqacctet u waqghet fuq il-bonnet. Sussegwentament, il-konvenut saq ghal fuq ix-xhud u laqat il-bieba. Id-diskrepanza fl-ammont mitlub tirraprezenta l-hlas tas-surveyor.

Fl-udjena tal-15 ta' Dicembri 2020, xehed Natalino Agius li huwa s-surveyor li ghamel ir-rapport fuq il-vettura ta' l-attrici. Ix-xhud ikkonferma illi thallas u li l-ispiza inkluz il-karozza tal-kiri u x-xogholijiet plus il-parts u l-VAT jitilghu ghal elf u hamsa u ghoxrin Ewro u sitt centezmi.

Il-konvenut xehed fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2021 li spjega kif iben l-attrici irriversja biex jevita t-traffiku. JIspjega kif minhabba mixja li kien hemm, huwa kellu wkoll isib triq alternattiva u b'hekk kien qed isuq wara iben l-attrici. F'punt minnom, il-konvenu nizel mill-vettura fejnjghid, *" . . . .imbaghad gejna got-traffic u jiena nzilt biex nara x garalu.*" (Fol.56).

Il-konvenut jghid illi gie pprovokat u kkonferma illi "*jiena l-verita, irribellajt iva u kissirtlu l-mera*."(Fol.57). Izda fir-rigwad tal-hsarat l-ohra, l-konvenut ighid illi ma kkagunahomx hu. Tul il-kontro ezami, l-konvenut jinnega illi l-mera waqghet fuq il-bonnet izda li giet ma' l-art. Mistoqsi mit-Tribunal b'liema sieq ixxuttja l-mera, l-konvenut wiegeb illi bil-lemin u li d-daqqa giet mill-genb. Il-konvenut ighid ukoll, illi "*le, imxiet ghal quddiem l-karozza l-mera, ezatt nghidlek. Ezatt nghidlek fejn giet, qudiiem il-karozza ezatt*."

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2022, bin l-attrici Ryan Sciberras xehed in kontro ezami fejn ikkonferma illi hu kien qabbad lis-surveyor u li t-tiswijiet kienu saru. Ix-xhud ighid illi ircevuti ghal dawn it-tiswijiet illi saru minn Jesmond & Paul l-Imriehel, m'ghandux. Ikompli jghid ix-xhud illi t-tellar kien sprejja l-bonnet, inbidel il-bumper ghaliex kellu d-daqqiet, wahhal il-mera u sprejja l-bieba. Mistoqsi fuq kemm hallas ghal dawn ix-xogholijiet, ix-xhud ighid illi l-istess ammont li hemm fuq is-survey.

Fl-istess udjenza, xehdet Jessica Falzon li kienet passigiera mal-konvenut. Tghid illi l-konvenut kien ta daqqa ta' sieq il-mera tal-vettura ta' l-attur. Ix-xhud issostni illi l-konvenut fl-ebda hin ma laqat lil Ryan Sciberras.

Fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2022, rega tela jixhed Ryan Sciberras fejn ikkjarifika (Fol.86) illi, *". . . fil-fatt il-hsarat ma kienux issewwew, kont irrangajtha kemm-il darba imma rrealizajt li actually ma kontx irrangajtha ghax kelli . . . . kelli l-affarijiet go garaxx u mort hemm u sibt il-bieba ghadha gol-garaxx. ."*

<u>Ikkunsidra</u>

L-attrici sid ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni DFA 593 qieghda tressaq talba sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Eu 1025 li jirraprezentaw danni allegatament kagunati fid-19 ta' Noembru 2017, mill-konvenut waqt argument li kellu mat-tifel taghha li kien qed isuq l-imsemmija vettura.

Illi l-fatti ta' din il-kawza huma pjuttost semplici u hemm qbil bejn il-partijiet fuq hafna aspetti. Mhux kontestat illi l-partijiet kellhom argument waqt li kienu qed isuqu l-vetturi taghhom fin-nahat ta' H'Attard u lanqas huwa kontestat illi f'punt minnom, il-vetturi waqfu u sehh argument li wasal ghal certu hsarat.

Fuq ammissjoni tal-konvenut stress, ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenu ikkaguna hsarat fil-mera tal-vettura ta' l-attrici. Il-konvenut, ammetta ghal diversi drabi illi kien ta' daqqa ta' sieq il-mera tal-vettura ta' l-attrici u li din tqacctet minn postha. Ghaldaqsant fuq din il-hsara, it-Tribunal ma jistax ma jsibx htija.

Illi dak li huwa kontestat huma d-danni relatati mal-hsarat fuq il-bonnet u fil-bieba. Ryan Sciberras, it-tifel ta' l-attrici u li kien qed isuq u involut f'dan l-argument jghid illi l-bonnet sofra hsarat minhabba illi l-mera li qaccat il-konvenut waqghet fuq l-istess bonnet. Fir-rigward al-bieba, bin l-attrici jghid illi l-konvenut saq ghal fuqu u bl-impatt ikkaguna hsarat fil-bieba u cioe dawk li jidhru fir-ritratti ipprezentati a Fol. 37.

Illi dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li l-konvenut saq wara bin l-attrici sakemm waslu f'punt illi seta jieqaf ghas-sodisfazzjon minghand Ryan Sciberras. Dan l-atteggament, fi kliem il-konvenut kif ukoll ix-xhud Jessica Falzon, wassal sabiex il-konvenut ikkaguna hsara fuq il-vettura ta' l-attrici. Din l-istess xhud Jessica Falzon tghid illi filwaqt li taf u rat lill-konvenut jaghti daqqa ta' sieq lill-mera tal-vettura, ma tiftakarx din fejn waqghet. Min-naha tieghu, l-konvenut ighid illi din waqghet ma l-art. Izda fuq mistoqsijiet diretti mill-istess Tribunal huwa jaghti deskrizzjoni ta' minn liema naha u kif ta d-daqqa ta' sieq fuq il-mera.

Illi t-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju illi daqqa ta' sieq li tqaccat mera ta' vettura u tenut kont illi d-daqqa ta' sieq inghatat min-naha tal-lemin, huwa verosimili illi l-mera waqghet fuq il-*bonnet* tal-vettura. Ghaldaqstant, it-Tribunal ma jsib l-ebda diffikulta jemmen il-verzjoni a' Ryan Sciberras u cioe illi l-mera waqghet ghal fuq il-bonnet u li rizultat ta' dan, gew ikkagunati hsarat fuq il-*bonnet*.

Illi ghaldaqstant jibqa biss il-hsarat relatati mal-bieba. F'dan ir-rigward, it-Tribunal irid jaccenna ghal fatt illi x-xhieda ta' bin l-attrici (ghaliex l-attrici ma kienetx prezenti waqt l-incident) xejn ma kienet felici. Dan mhux biss qed jinghad ghaliex bin l-attrici ma kienx konsistenti fir-rigward tal-

hsarat tal-bieba izda anke ghaliex dan it-Tribunal isib il-verzjoni tal-hsarat relatati mal-bieba bhala dubjuzi ferm.

Ryan Sciberras ighid illi l-bieba fil-verita ghadha ma saritiliex tisiwijiet ghax ghadha fil-garage. Fl-istess waqt jghid illu huwa hallas daqs kemm hemm imnizzel fis-survey ghaliex l-ircevuti ma zammomx. Jaghti dettalji illi huwa kien hallas cash l-ammont illi huwa msemmi fis-survey ippresentat a Fol.39. Ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma jistax jikkunsidra l-verzjoni ta' Ryan Sciberras fejn jirrigwarda l-hsarat bhala serja u ta min joqghod fuqha.h

Illi mizjud ma' dan, Ryan Sciberras jallega illi l-ghafsa fil-bieba giet ikkagunata meta huwa inghafas mal-vettura tieghu, wara li l-konvenut saq ghal fuqu. It-Tribunal minghajr tlaqlieq jemmen illi din il-verzjoni m'ghandiex mis-sewwa. Hija l-fehma ta' dan it-Tribunal illi kemm-il darba l-ghafsa fil-vettura giet ikkagunata minn Ryan Sciberras stess kif jallega, ir-rizultati ta' dan l-incident kien ikun ferm iktar serju u gravi.

Illi ghaldaqstant tenut kont ta' l-evidenza migjuba quddiem dan it-Tribunal, huwa stabbilit illi hsarat fuq il-vettura ta' l-attrici sehhew u huma kagun ta' l-agir tal-konvenut. Minkejja dan, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont pretiz mill-attrici ma jirraprezentax verament il-hsarat kagunati mill-konvenut.

Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal huwa tal-fehma illi sabiex jigi stabbilit l-ammont ta' danni sofferti, it-Tribunal ser jakkorda *animo boni viri* nofs (1/2) l-ammont mitlub mill-attrici u jigifieri l-ammont ta' Eur 532.50.

**Decide**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' hames mija tnejn u tletin Ewro u hamsin centezmu u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti jhallasu l-imsemmi ammont ta' Eur 532.50 bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-3 ta' Jannar 2020 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu fi kwoti ta' nofs bib-nofs. (50%)

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur